Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Nru: 191/2016

Il-Pulizja

Vs

John Abela

Illum 27 ta' Ottubru, 2016

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant John Abela detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 351963 M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Talli fit-18 ta' Lulju 2015 ghall-habta tas-13 :30hrs waqt li kien gewwa l-port ta' Marsamxett:

1. Saq, jew halla jew ippermetta li jinstaq bastiment, speed boat jew xi ingenju iehor tal-bahar li jithaddem bil-mutur b'isem ta' registrazzjoni 'Great White', bi speed ta' iktar minn 10 knots f'xi port u dan bi ksur ta' Reg 25(a) SL 499.52.

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, saq, halla jew ippermetta li jinstaq kwalunkwe bastiment zghir li jahdem bil-mutur b'velocita' li, fic-cirkostanzi partikolari, x'aktarx ikun ta' periklu ghall-hajja jew jista' jikkaguna korriment jew iwassal ghal xi kollizjoni u dan bi ksur tar-Reg 26 u Reg 45 tat-Tielet Skeda, L.S. 499.52.

Rat is-sentenza tal -Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tas-6 t' April, 2016, fejn il-Qorti Wara li rat ir-regolament 25(a), regolament 26 u regolament 45 tat-Tielet Skeda ta' L.S. 499.52 tal-Ligijiet ta' Malta;

Din il-Qorti qieghda ssib lill-imsemmi imputat hati fuq l-ewwel akkuza kif dedotta u qieghda tikkundannah b'multa ta' sitt mitt euro (€600) in oltre qieghda tilliberah mit-tieni akkuza.

Il-Qorti fissret fi kliem car il-portata ta' din is-sentenza lill-imputati.

Rat ir-rikors tal-appell tal-imputat John Abela, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fl-14 ta' April, 2016, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti , ghar-raagunijiet su esposti joghgobha li filwaqt li tikkonferma dik il-parti tas-sentenza li permezz taghha l-appellant gie illiberat mit-tieni akkuza migjuba kontrih, tirriforma is-sentenza billi thassar, tirrevoka u tikkancella dik il-parti tas-sentenza li permezz taghha l-appellant instab hati ta' l-ewwel akkuza u gie immultat EUR600 multa, billi ma ssibux hati ta' l-ewwel akkuza ukoll u tilliberah minn kull htija u piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant John Abela huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:

Illi l-prosekuzzjoni bhala provi taghha, ipprezentat 3 affidavits ta' l-ufficjali tal-Pulizija li kienu fuq id-dinghy li permezz tieghu grew ghal wara l-appellant. Meta

wiehed janalizza anki biss prima facie dawn l-affidavit, se jsib diversi inkonsistenzi u partijiet li jnehhu l-kredibilita' tax-xhieda b' mod totali.

Illi l-ewwel haga li ghandha tkun innotata li l-affidavits huma kwazi copy and paste, bit-tlett ufficjali jghidu li waqqfu lill-imputat, li kellmuh u li qalulu li se jittiehdu proceduri fil-konfront tieghu, meta fil-fatt, fir-realta, persuna wahda l-aktar tnejn jitkellmu u mhux it-tlieta f' daqqa jghidu l-istess haga.

Illi di piu, l-ebda ufficjal tal-Pulizija li kellem lill-imputat ma tah it-twissija li dak kollu li se jghid lilhom se jkun jista' jintuza kontrih fi proceduri legali quddiem Qorti kompetenti. Kwindi kwalsijasi verzjoni li l-appellant seta' ta', jew ahjar il-verzjoni li l-ufficjali qalu li tahom l-appellant, ma ghandhiex titqies minn din l-Onorabbli Qorti u ghalhekk l-affidavits tal-Pulizija ghandhom ikunu sfilzati mill-process jew ghall-anqas dik il-parti ta' l-affidavits li tirreferi ghal dak li allegatament qal l-appellant lill-istess ufficjali tal-Pulizija.

Illi l-verzjonijiet li taw il-Pulizija huma differenti minn wiehed ghal iehor, PC572 qal li kif kienu hergin mill-Port ta' M' Xett. Kwindi hawnhekk diga qed jindika li kienu hergin mill-Port li jaghti x' wiehed jifhem li kienu qed iharsu l' barra u li kienu qabzu Manoel Island. L-istess PC572 ma jghidx b' liema strument kejjel li d-dghajsa ta' l-appellant kienet ghaddejja bi speed eccessiv. La jsemmi li kellu xi speed gun jew ghall-anqasma jixhidx u jghid li kienu qed isuqu ma' l-appellant u waqt li kienu ghaddejin bl-istess velocita', hares lejn l-ispeedometer tad-dinghy biex jivverifika l-ispeed li kien ghaddej bih. Kulma jghid hu li rah ghaddej bi speed eccessiv. Jghid biss li ziedu l-velocita biex jilquh, hu minn ewl id-dinja li biex tilhaq lil xi hadd li ikun miexi trid tghaggel aktar minnu. Ma jfissirx li ghax dinghy ikun lahaq speed biex jilhaq id-dghajsa, dik id-dghajsa tkun ghaddejja b' dak l-ispeed.

Illi PC451, kellu affidavit aqsar u fih jghid li l-akkuzat ammetta maghhom li tella' speed ta' 25 knots. Hawnhekk l-appellant jaghmel referenza ghal dak suespost diga fejn gjaladarba il-Pulizija ma tawhx twissija li dak li jghid se jintuza kontrih il-Qorti,

dan l-affidavit ma ghandux ikun accettat. Fl-istess waqt jidher car ukoll li il-Pulizija ma kellhomx xi strument li permezz tieghu setghu ikejlu l-ispeed ta' l-appellant.

Illi min naha tieghu PC1141 ta verzjoni differenti minn ta' shabu u cioe' qal li "kelli nzid l-ispeed ghal 25 knots" biex iwaqqaf id-dghajsa ghax kellha 2 magni V8. Imkien ma jghid li saq mad-dghajsa u ra li l-ispeed kien 25 knots. Ma qalx li id-dghajsa kienet ghaddejja bi 25 knots. Din il-verzjoni tikkontrasta mal-verzjonijiet tal-Pulizija l-ohra u johloq kunflitt ta' provi li ghandu jmur favur l-imputat. L-istess Pulizija jghid li l-appellant kien qed jipprova l-magni ghax kienu bil-hsar mentri Pulizija siehbu jghid li l-appellant kien sejjer jigbor xi hadd minn Manoel Island.

Illi jirrizulta li l-prosekuzzjoni naqqset bl-aktar mod car li tressaq l-ahjar prova li permezz taghha tikkonvinci lill-Qorti lill hin minn dubju ragonevoli li fil-fatt l-appellant kien ghaddej aktar minn 10 knots. L-ahjar prova kienet tkun xi hadd mix-xhieda prodotti jghid taht gurament li saqu d-dinghy bi speed ta' aktar minn 10 knots mad-dghajsa ta' l-appellant ghal certu distanza, jew ahjar minn hekk, li jintuza strument approvat u kalibrat li permezz tieghu titkejjel il-velocita' tad-dghajsa. Il-Pulizija qalu li raw id-dghajsa ghaddejja aktar minn 10 knots meta ma setghux jikkonstataw dan il-fatt.

Illi meta wiehed jikkunsidra l-fatt illi l-appellant kien qieghed fil-port wara li nizzel id-dghajsa biex isib berthing f' Manoel Island, post li kien sejjer fih l-ewwel darba, wara li kellu jigbor persuna minn Manoel Island, jindika li l-appellant ma kienx hiereg mill-Port kif xhedu l-Pulizija, u allura seta' kien qed isuq id-dghajsa biex johrog il' barra u forsi uza velocita' ghola minn dik permessa, imma kien qed ifittex. Huwa minn ewl id-dinja li xi hadd li qed isuq dghajsa jew vettura fit-triq, ikun qed ifittex post fejn ghandu jieqaf jew lil xi hadd, il-velocita' li jkun ghaddej biha tkun wahda ridotta hafna u mhux ikun ghaddej b' velocita' ghola minn dik permessa.
Illi gara kien li l-Pulizija raw din id-dghajsa b' 2 magni V8 u assumew li kient ghaddejja b' velocita' ghola minn dak stabbilit bla ma hadu qari b' xi strument li jkejjel il-velocita'. L-istess Pulizija assumew ukoll li ghax ziedu l-velocita' tad-dinghy

biex imorru hdejh u jwaqqfuh, allura hu kien ghaddej b' dik il-velocita' / li kien ikun kwazi hareg'l barra mill-port. Dan meta l-appellant ma kienx hareg barra mill-port u l-Pulizija lahquh mal-ewwel hekk kif accelleraw.

Ikkunsidrat,

Illi l-uniku ilment ripost ghal gudizzju ta' din il-Qorti mill-appellanti huwa dirett lejn l-apprezzament tal-provi maghmul mill-Ewwel Qorti u dan meta hija sabet htija ghall-ewwel akkuza migjuba fil-konfront tieghu. Dan ghaliex jishaq illi l-provi imressqa mill-prosekuzzjoni kienu jikkonsistu biss fl-affidavits tal-pulizija li intercettaw lill-appellanti isuq opra tal-bahar konsistenti f'bastiment zghir, liema xhieda hija mizghuda b'inkonsistenzi u ghalhekk inattendibbli. Oltre dan jilmenta illi ma tressqitx l-ahjar prova dwar il-velocita li kien ghaddej biha permezz ta' xi strument ta' velocita li seta jaghti prova oggettiva sabiex tissostanzja l-akkuza li dwarha hu gie misjub hati.

Illi din il-Qorti ghal darb'ohra tirribbadixxi illi appell fuq apprezzament ta' provi mhuwiex indikat sakemm ma ikunx jidher illi l-Ewwel Qorti ezercitat xi errur gravi ta' gudizzju tant illi ma setatx abbazi tal-provi li kellha quddiemha legalment u ragjonevolment tasal ghad-decizjoni taghha. Issa din il-Qorti ezaminat l-affidavits tal-pulizija u cioe' ta' PC572 Antoine D'Amato, PC451 A Bugeja u PS1141 Noel Tanti li kollha osservaw lill-appellanti ghaddej b'velocita li teccedi il-limitu preskritt fil-ligi ta' 10 mili nawtici. Izda fuq kollox din il-Qorti kellha l-opportunita tisma' lill-appellanti jiddeponi quddiemha dwar dak li sehh fil-jum indikat fl-akkuza fejn ***ex admissis*** ighid illi huwa kien qed isuq bi speed baxx ta' bejn 11 u 15-il knot u dan fil-port ta' Marsamxett. Issa ir-regolament 25 tal-Legislazzjoni Sussudjarja jiddisponi illi:

***Ebda persuna m'ghandha ssuq, thalli jew tippermetti li jinsaq kwalunkwe bastiment zghir li jahdem bil-mutur b'velocità ta' izjed minn ghaxar mili nawtici -***
***(a) f'xi port;***

hlief jekk ikun hemm xi ezenzjoni ghal xi zmien, liema ezenzjoni ma jidhirx illi kienet tezisti f'dan il-kaz.

Illi din il-Qorti ma ghandha ghalfejn izzid xejn aktar ma' dawn il-fatti inkonfutabbli ipprezentati quddiemha ghaliex dina l-ammissjoni maghmula mill-appellanti abbinata mal-affidavits tal-pulizija iwassluha sabiex tqies illi l-aggravvji kollha imressqa mill-appellanti huma ghal kollox infondati u allura m'hijiex ser tqoghod tinoltra izjed fuqhom inutilment.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud u d-decizjoni impunjata ikkonfermata.

(ft) Edwina Grima
Imhallef
VERA KOPJA

Franklin Calleja
Deputat Registratur